“Dar Birżebbuġa” Triq Santa Marija - Birżebbuġa Tel: 21650165 Email: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto: **PAĊI U SAĦĦA LIL KULĦADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 10/14 tal-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn 6 t' Ottubru 2014 fil-5.30pm.**

| | |
|---|---|
| Preżenti | Membri |
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Sinj. Bernadette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Marthese Parascandalo** |
| **Skużat** | **Is-Sur Charles Muscat** |

**AĠENDA 1**

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 08/14 u 09/14 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sur K. Barun ippropona u s-Sinj. B. Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti Nru. 08/14 ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Għall-Minuti tal-laqgħa Nru. 09/14, kien is-Sur S. Zammit li ippropona u s-Sur K. Barun li ssekonda l-mozzjoni biex il-minuti ikunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

**AĠENDA 2**

01/10 Kien hemm proposta minn residenta biex tibda tmexxi kors fl-erobika flimkien mal-Kunsill. Hi pproponiet li tirċievi rata fissa mingħand il-Kunsill talli tagħti il-lezzjonijiet u mbagħad jara l-Kunsill kif se jiġbor il-parteċipanti. Il-Kamra m'aċċettatx

din il-proposta u r-risposta li kellha tingħata lir-residenta kienet li hi kellha tkun responsabbli minn dan il-grupp mill-bidu sal-aħħar.

02/10 Kien hemm talba mill-Perit C. Mallia f' isem s-Sur N. Mallia biex il-Kunsill joħrog 'No Objection Letter' biex jitpoġġew numru ta' umbrellel u deckchairs fil-Bajja s-Sabiħa. Kif kien indikat fis-'site plan' li pprovda il-Perit, kien jidher li dan il-proġett kien se jtellef il-pjan ta' żvilupp li l-Kunsill għandu fil-Master Plan għat-tisbieħ tal-bajja. Għalhekk il-Kamra qablet li l-Perit tingħatalu kopja tal-istess Master Plan u fuqha jniżżel l-area li kien qed jipproponi li tittieħed għat-tqegħid tal-umbrellel u d-deckchairs u l-Kunsill jerġa' jiddiskuti din it-talba meta l-affarijiet ikunu aktar ċari.

03/10 Kien hemm offerta ta' servizz ġdid mis-Sur Stephen Zammit mill-kumpanija Lornit biex tipprovdi software u sapport għall- 'Permit Management System' bir-rata ta' 81 euro fix-xahar. Il-Kamra qablet li tintalab aktar informazzjoni dettaljata tas-servizz u li jiġu avviċinati għall-feedback dawk il-Kunsilli li diġa qed jaħdmu b'din is-sistema u li wara li tinġieb din l-informazzjoni, terġa' tiġi diskussa din il-proposta waqt laqgħa oħra.

04/10 Kien hemm talba bil-firem mingħand ir-residenti li joqogħdu fi Triq it-Torri, Birżebbuġa biex tiġi kkonsidrata t-talba tagħhom li din it-triq issir parti mil-lokalita' ta' Marsaxlokk. Il-Kamra qablet li jsiru l-kalkoli ta' kemm jonfoq il-Kunsill kull sena għall-manteniment ta' din it-triq u terġa' tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**AĠENDA 3**

Il-Kamra qablet li toħrog l-Acceptance Letter għall-unika offerta li rċeviet għall-Servizz ta' Contracts Manager – Offerta Pubblika Nru. 03/14.

**AĠENDA 4**

Minħabba problema teknika fis-software tas-Sage, ir-rendikont finanzjarju sat-30 t' April 2014, ma setax jitla' biex jiġi approvat u se jittella' fil-laqgħa li jmiss.

**AĠENDA 5**

Il-Bye law tar-Reklami fuq l-Għamara tat-Toroq, ma ġietx approvata kif kienet għax kien hemm xi tibdil suġġerit u din se tittella' għall-approvazzjoni f'laqgħa oħra.

**AĠENDA 6**

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet it-tiftix li kien miftiehem fil-laqgħa 08/14, infurmat il-Kamra li kienet irċeviet bil-miktub mingħand l-uffiċju tal-HR tad-DLG li, bi progression normali ħaddiem ma jistax jitla' minn skala 15 għal skala 13 għax jaqbez skala sħiħa. Biex isir hekk, il-Kunsill għandu jgħaddi mozzjoni ta' vakanza ta' EO fil-Kunsill u joħrog sejħa interna. Il-Kamra qablet.

**AĠENDA 7**

Tressqet fuq il-mejda l-iskeda tal-pagamenti u l-'purchase requests' tagħhom, għax-xahar ta' Awwissu 2014. Is-Sur S. Zammit xtaq li jkollu 'break down' ta' Invoice nru 3, li jkopri Railing u Garbage bag holder u kjarifika ta' kemm u fejn twaħħlu l-mirja tat-toroq koperti b'Invoice nru. 41. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex din l-informazzjoni tingħata lill-Kunsillier S. Zammit, ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwar l-iskeda u l-Kamra approvat is-somma ta' €164,122.24, skont skeda numru: 08/14.

**AĠENDA 8**

1. **Il-Viċi-Sindku is-Sur K. Barun:**

- Informa l-Kamra li l-għeluq tal-Move Week ġie mħassar minħabba l-maltemp.

- Informa l-Kamra li qed ikollu ħafna ilmenti mir-residenti dwar il-bdil tal-One Way ta' Triq ir-Raddiena u staqsa x'seta jagħmel il-Kunsill dwar din il-problema. Il-Kunsillier S. Zammit irrisponda li l-Kunsill kien talab lill-TM biex jibagħtu n-nies tagħhom jagħmlu survey fuq il-post u jinfurmaw lill-Kunsill dwar xi azzjoni li għandu jieħu biex titranġa s-sitwazzjoni. Sa dakinhar tal-laqgħa, il-Kunsill ma kellu ebda indikazzjoni ta' xi tibdil li hemm bżonn.

2. **Il-Kunsillier is-Sur J. Baldacchino:**

- Informa l-Kamra li fis-27 ta' Novembru se ssir l-attivita' tal-Anzjan tas-Sena.

- Informa l-Kamra li sa dakinhar tal-laqgħa, diġa kienu nkitbu 200 persuna għat-tilqima tal-Influwenza.

- Informa l-Kamra li kien qed jirċievi ħafna lmenti dwar in-nuqqas ta' patching ta' toroq. Is-Sindku J. Farrugia, infurmah li l-grupp ta' ħaddiema li kienu jagħmlu dan ix-xogħol qabel, ġew mibgħuta mill-Gvern biex jagħmlu xogħol ieħor u l-Kunsill sempliċiment m'għandux il-finanzi meħtieġa biex iqabbad kuntrattur privat minflokom.

- Informa l-Kamra li x-xogħol fuq ir-resurfacing ta' Sansajna, taħt Measure 125 tal-GAL Xlokk, kien lest u għalhekk għandha ssir il-claim mal-Paying Agency. Is-Segretarju Eżekuttiv, li qatt ma rċeviet handover u informazzjoni dwar dan il-proġett, infurmat il-Kamra li ntalbet xahar extension tad-deadline ħalli jkun hemm ċans biex iċ-ċekk tal-pagament tal-Kunsil jilħaq jissarraf, toħrog l-irċevuta u jintbagħat kollox lill-Paying Agency.

- Informa l-Kamra li fil-laqgħa tat-28 t' Awwissu rigward il-bilanċ li għad għandu jiġi mogħti lill-Kunsill ta' Birżebbuġa mingħand il-Kumitat Konġunt tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Ħal Safi u ż-Żurrieq u li għaliha kienu attendew is-Sindku ta' Birżebbuġa u l-Kunsillier J. Baldacchino, is-Sindku ta' Ħal Safi, is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sindku ta' Ħal Luqa u s-Sur Anthony Borg Caruana, kien ġie miftiehem li l-bilanċ li kien għad hemm fil-kont tal-bank tal-Kumitat, li huwa ta' madwar €23,000, jgħaddu għand il-Kunsill ta' Birżebbuġa bħala 'part-payment' tal-bilanċ dovut.

- Informa l-Kamra li kien irċieva ilment li fi Triq id-Duluri, kienet inqalgħet bozza bl-arblu b'kollox. Il-Kunsillier S. Zammit informa l-Kamra li huwa kien qed jistenna d-deċiżjoni mingħand min kien responsabbli biex jara fejn kellu jitwaħħal dan l-arblu bil-bozza.

- Informa l-Kamra li kien hemm bżonn li ssir kaxxa organizzata taċ-ċwievet kollha tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ċ-ċwievet kollha li kienu fil-kexxun tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, ġew iċċekkjati u organizzati f'kexxun ieħor. Hi rċeviet direzzjonijiet li dawn iċ-ċwievet ma setgħux jitħallew fil-kaxxa eżistenti f'idejn kulħadd minħabba li kienu tal-kaxxi tad-dawl u affarijiet importanti oħra. Pero', min ikollu bżonnhom seta' jiffirma għalihom u jġibhom lura.

- Informa l-Kamra li kien qed jirċievi lmenti dwar il-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku in-naħa ta' Ferretti Battery. Il-Kunsillier S. Zammit fakkar il-Kamra li kull ma jsir hemmhekk irid isir fl-isfond tal-proġett ta' Għar Dalam Junction, li diġa ġie approvat mill-Kunsill, għaliex inkella jista' jkun li nkunu qed naħlu l-flus. B'dan il-proġett l-entratura għal Triq S. Cachia Zammit ser tiġi limitata. Is-Sur S. Zammit fakkar il-Kamra ukoll li hu kien diġa ppreżenta pjanta lill-Kunsill sabiex il-parti ta' Triq S. Cachia Zammit minn Triq F. M. Ferretti sa Triq il-Fossili tkun one-way.

**3. Il-Kunsillier is-Sur C. Cachia:**

- Ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li waħda mill-'Hand Dryers' il-ġodda li l-Kunsill xtara u waħħal fil-public convenience tan-nisa f'Wied il-Buni kienet qed taħdem waħidha meta jfettlilha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kamra li kienet diġa ċemplet lit-technician biex jiċċekkja u jaqlagħha ħalli tigi rritornata lis-supplier biex jibdilha għax kienet għada bil-garanzija.

**4. Il-Kunsillier is-Sur S. Zammit:**

- Informa l-Kamra li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda tip ta' risposta mingħand TM dwar Għar Dalam Junction u għalhekk kien bagħat e-mail sabiex rappreżentanti mill-Kunsill jiltaqgħu magħhom biex jitkellmu dwar ix-xogħlijiet li qed isiru b'pass bil-mod wisq, dwar il-parti tal-proġett li għada mhix konkluża u dwar tabella li turi l-ispeed limit li twaħħlet fit-triq flok fuq bankina.

- Xtaq jistaqsi x'kien sar dwar l-istimi li l-Kunsill kien qabel li jiġbor biex issir il-bankina ta' Misraħ is-Summit. Il-mistoqsijiet kienu erbgħa:

    a. Jekk il-Kunsill kienx irċieva dawn l-istimi?
    b. Jekk kienx intlaħaq xi ftehim ma kuntrattur minnhom?
    c. Jekk il-Kunsill kienx irċieva l-permessi neċessarji?
    d. U jekk setgħux jiġu allokati xi fondi mill-UIF?

- Ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-knis fit-toroq ta' wara l-Knisja – Triq San Tumas, Triq il-Musbieħ, Triq Santa Rita, Triq il-Kostituzzjoni u f'Misraħ Tal-Pajtier, ma jsirx spiss biżżejjed. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kamra li dan l-ilment se jitwassal lill-Kuntrattur biex jirrimedja immedjatament.

- Informa il-Kamra li xi vandali qed jgħawwġu t-tabelli tat-traffiku ta' Birżebbuġa kollha u ssuġġerixxa li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jiddrittawhom għax tassew jagħtu dehra kerha. Il-Kamra qablet li dan għandu jsir.

- Informa l-Kamra li se jsir survey tar-road markings kollha ta' Triq Santa Katerina mill-ħaddiema tal-Kunsill u dawn jiġu mqabbla mal-permessi li hemm minn TM. Issuġġerixxa li jittieħdu wkoll ritratti biex jgħinu f'dan l-eżerċizzju.

- Issuġġerixxa li fi Triq San Gwann issir 'mushroom roundabout' biex tgħin fl-immaniġġjar tat-traffiku u li kien se jitlob stima biex jara kemm tiswa.

**5. Il-Kunsilliera is-Sinjura B. Pace:**

- Issuġġerit li din is-sena, Jum Birżebbuġa ssir fit-13 ta' Diċembru. Il-Kamra qablet.

- Issuġġerit li jitneħħew il-bollards li hemm fit-triq fejn żewg restaurants jarmaw is-siġġijiet u l-imwejjed ħdejn it-Teatru l-Grieg, Bajja s-Sabiħa. Il-Kamra ma qablitx.

**6. L-Ambaxxatriċi s-Sinjorina J. Farrugia:**

- Infurmat il-Kamra li l-engineer tat-trattament tal-ilma, Marco Cremona kien se jagħmel taħdita dwar l-ilma nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru u biex torganizza kellha bżonn tuża is-sala tal-Kunsill, xi siġġijiet, sound system u projector. Il-Kamra qablet li Jasmine tingħata l-għajnuna li kellha bżonn biex it-taħdita sseħħ.

**7. Is-Sindku, is-Sur J. Farrugia:**

- Informa l-Kamra li kien qed jirċievi lmenti dwar il-ħmieġ tal-ħamiem u ssuġġerixxa li jintalbu pariri u gwida kif dawn il-ħamiem jistgħu jinqabdu u jitneħħew. Il-Kamra qablet.

- Issuġġerixxa li jitneħħew l-iskips ta' Triq il-Port Ħieles u jitpoġġew kollha ħdejn dawk li hemm Triq il-Kartaġiniżi. Staqsa wkoll jekk kienitx waslet l-istima li l-kuntrattur tas-security cameras kellu jagħti lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kamra li din għada ma waslitx u li kienet se tistaqsi għaliha.

- Informa l-Kamra li kien irċieva talba mingħand resident biex jiġbor il-ftit żebbuġ li kien hemm fis-siġar u li kien qed jaqa' mal-art u jinħela. Il-Kamra qablet li jingħata dan il-permess.

**8. Is-Segretarju Eżekuttiv:**

- Infurmat il-Kamra li kienet irċeviet talba biex isiru tabelli bin-numru tal-karozza tar-residenti 'disabled badge holders'. Il-Kamra qablet li jsiru tabelli ħdejn id-'disabled parking bays' imma mhux bin-numru tar-resident fuqhom.

- Infurmat il-Kamra li rċeviet ilment dwar it-tabella bl-isem ta' Misraħ il-Pajtier għax kienet saret vera kerha. Il-Kunsilliera B. Pace issuġġerit li din issir taċ-ċeramika u s-Segretarju Eżekuttiv infurmata li se titlob stima biex tara kemm jiswew.

- Infurmat il-Kamra li kienet ġabet stima għall-Bell Type Concrete Barriers u l-Kamra qablet li jinxtraw tnejn għal Triq Dun Ġorg Żammit.

- Infurmat il-Kamra li l-JGC kienu lestew il-Bandli minn kollox u ġew imħallsa mill-fondi tal-UIF. Għalhekk staqsiet il-Kamra jekk għandiex tirrilaxxa l-garanzija. Il-Kamra qablet.

**<u>Għeluq</u>**

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.30pm. Is-Seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tnejn, 27 t'Ottubru 2014 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................................... |
| **Joseph Farrugia** | **Marthese Parascandalo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |